TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/132/16/S

Rita Camilleri
Vs
Eximus Services Limited

Illum 6 t'April,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Rita Camilleri pprezentata fl-24 ta'Gunju,2016 u r-risposta tas-socjeta Eximus Services Limited ipprezentata fil-21 ta'Lulju,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet kif ukoll it-trattazzjoni maghmula fis-seduta tat-23 ta'Frar,2017;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda hsara li allegatament saret fuq tapit minnhom waqt li kienu ghand is-socjeta intimata biex jitnaddfu;

Illi dan hu kaz li ha hafna hin milli suppost ghax biex jitnaddfu zewg tapiti, m'ghandhomx ighaddu x-xhur;

Illi gjaladarba s-socjeta intimata accettat it-twapet biex jitnaddfu, hi hadet responsabilita taghhom u kellha d-dmir tirritornhom kif miftiehem u mhux fi stat aghar milli inghataw (f'kaz tat-tapit in kwistjoni);

Illi s-socjeta intimata ma kinitx gustifikata zzomm it-tapit tar-rikorrenti u kellha tirritornah mal-ewwel;

Illi gjaladarba s-socjeta intimata ma tihux ritratti ta' x'ikollu oggett li jrid jitnaddaf, huwa difficli biex issir il-prova ta' kif kien l-oggett meta inghata fir-responsabilita tas-socjeta intimata;

Illi dan it-Tribunal ihoss li tapit mixtri 10 snin qabel ma jibqax jiswa' l-istess ammont u ghalhekk ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni dan it-trapass taz-zmien;

Illi dan it-Tribunal ihoss li kaz bhal dan ma kellux jitwal daqshekk partikolarment meta s-servizz lill-konsumatur ghandu jinghata fi zmien ragjonevoli;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' parzjalment it-talba ta' Rita Camilleri filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata Eximus Services Limited u Jordna lis-socjeta Eximus Services Limited thallas lil Rita Camilleri s-somma ta' €100 stabbilita *ex aequo et bono* u troddilha immedjatament it-tapit in kwistjoni minghajr hlas, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru